# L-Altari tal-ġnub li jżejnu l-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata Tarxien

*Ir-Raba Parti* — *Philip Grech*

Bħas-sena l-oħra qegħdin nagħtu xi tagħrif fuq l-altari tal-ġnub tal-Knisja Parrokkjali tagħna. Għal din is-sena ser inkompli bl-altar ta' San Franġisk minn Paola.

Din il-kappella llum hi ddedikata lil San Franġisk minn Paola, imma fl-imgħoddi kienet inbniet b'qima lil Sant'Andrija u San Nikola ta' Bari. Sa l-aħħar tas-seklu tmintax kienet għadha ddedikata lil dawn iż-żewġ qaddisin.

Din il-kappella kienet waħda minn ta' l-ewwel li tlestiet waqt li kienet qed tinbena l-knisja l-ġdida parrokkjali fl-1610. Fl-imgħoddi, meta nbniet din il-kappella kienet inbniet b'qima lil Sant' Andrija u San Nikola ta' Bari fis-sena 1627 fuq l-altar kien hemm impittra x-xbihat ta' dawn iż-żewġ qaddisin. Il-persuna responsabbli mill-bini u l-kwadru ta' din il-kappella kien Mastru Ġulju Barbara li kien jieħu ħsieb il-knisja ddedikata lil Sant'Andrija fl-inħawi tal-Barrani. Fil-kwadru tal-pittura li diġà semmejna kien hemm ukoll xbieha tal-Madonna ta' Loreto.

Fis-sena 1699 kien qed isir xogħol fuq dan l-altar. L-ispejjeż tax-xogħol fuq dan l-altar kien responsabbli għalihom Lorenzo Antonio Barbara u x-xogħol tlesta fl-1709. Iżda sa l-1729 dan l-artal għadda minn taqlib ta' xogħol ieħor sakemm fl-1736 kollox kien lest.

Jidher li l-kwadru li qed insemmu ma tantx kien għoġob lill-Isqof meta dan kien għamel il-vista pastorali tiegħu fl-1709 iżda dan jidher li ma tbiddilx. Madankollu aktarx li dan tneħħa biex floku tqiegħed ieħor li hemm illum impitter minn Ġużeppi Calì (1846-1930) li juri lil San Franġisk minn Paola ma' San Mikiel. Dan hu wieħed mill-isbaħ xogħlijiet ta' dan il-pittur li tħallas mill-kappillan Dun Franġisk Attard u l-Perit Mikiel Busuttil.

L-aħħar dettal ġdid li ltqajt miegħu dwar din il-kappella kien fil-vista tas-sena 1789. Dan l-altar ma baqax taħt il-ħarsien tal-Familja Barbara għaliex f'dik l-okkażjoni, l-Isqof tah b'ġuspatronat lil Ġiovanni Battista Azzoppardi Castelletti.

*Referenzi:*
*Ħal Tarxien – Vincent Baldacchino, Il-Knisja Parrokjali ta' Ħal Tarxien – Vince Borg, Karm Sant, Rafel Bonnici Cali'.*

The Heart of Nails
Acyrilic Nail extensions, manicure & nail art
Kylie Cassar
Products by OPI
86, Kychar
Triq il-Hafur
Attard ATD 3013
79910408
21438548
kylienails@gmail.com
